JINBIEGH 3d.

# L-IMSIDA

Vol. I Nru. 5 LULJU - AWISSU, 1965

# L-ULIED

MADWAR IL



MISSIER

# SAN GUZEPP

# "L-IMSIDA"

**LEHEN IL-PARROĊĊA**

*Direttur Spiritwali:* Dun Ġużepp Mifsud.
*Editur:* Is-Sur Joe Friggieri.
*Ass. Editur:* Is-Sur Lino Bartolo.
*Membri tal-Board Editorjali:* Is-Sur Charles Casha u s-Sur Albert Marshal.
*Abbonament għal sena:* Malta 2/6; Barra 4/-.
Stampat fl-"Empire Press" — Furjana.

**Vol. I Nru. 5** **Lulju - Awissu, 1965**


## DJARJU PARROKKJALI

### IMGHODDI

**APRIL U MEJJU**

4 ta' April St. Joseph lagħbu ma St. Patricks.
10 ta' April Fil-Parroċċa sar it-Tberik tal-Palm.
14, 15 u 16 ta' April Ħamis ix-Xirka, il-Ġimgħa l-Kbira u Sibt il-Għid: fil-knejjes kollha saru funzjonijiet liturġiċi tal-Ġimgħa Mqaddsa.
18 ta' April St. Joseph F.C. iltaqgħu ma' Żurrieq għal-logħba tal-League u rebħu 1—0.
1 ta' Mejju Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem.
3 ta' Mejju L-Esekuttiv tal-Kumitat Ċiviku.
**13 ta' Mejju F'għeluq it-80 sena ta' Mons. Arċisqof Gonzi Malta kollha ferħet f'dan l-avveniment storiku.**
18 ta' Mejju Laqgħa ta' l-Esekuttiv tal-Kumitat Ċiviku fil-Każin ta' Banda "Melita".
27 ta' Mejju Festa ta 'Lapsi. Ftuħ uffiċjali tas-St. Joseph Football Club f'D'Argens Road, Msida. Il-Board Editorjali jixtieq jesprimi x-xewqat sinċieri għal suċċess fil-futur.
29 ta' Mejju L-A.K. organizzat il-festa tal-Purezza fil-Parroċċa.
30 ta' Mejju Msida Primary Girls School ħadu t-tielet fil-final tal-Festival Nazzjonali tad-drama għat-tfal li sar fit-Teatru Manoel.
31 ta' Mejju L-Apostolat tat-Talb organizza Pellegrinaġġ nazzjonali għas-Santwarju ta- Loreto, Gwardamanġa. Numru kbir ta' nies kienu preżenti fl-okkażjoni tal-Festa ta' Marija Reġina.

### ĠEJJIENI

**LULJU U AWISSU**

4 ta' Lulju Fis-Santwarju ta' Loreto ssir il-festa solenni tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Filgħodu ssir l-ewwel tqarbina tat-tfal, filwaqt li filgħaxija ssir il-purċissjoni Ewkaristika.
11 ta' Lulju Ħruġ ta' l-Istatwa ta' San Ġużepp minniċċa.
Fis-St. Joseph F.C. sejra ssir Seduta Ġenerali fid-9.00 a.m.
14. 15 u 16 ta' Lulju Ġranet tat-Tridu.
17 ta' Lulju Lejlet il-Festa.
**18 ta' Lulju Festa ta' San Ġużepp, Patrun tal-Parroċċa tagħna. Il-Board Editorjli jixtieq il-festa t-tajba linnies kollha ta' l-Imsida.**
2 ta' Awissu Festa tal-Porzjunkola; filgħaxija jsiru l-viżti tat-Terz'Ordni Franġiskan.
15 ta' Awissu Festa ta' Santa Marija, Patruna Prinċipali ta' Malta.


**NATIONAL MARINE CENTRE**

**TESTAFERRATA STREET - MSIDA**
Tel. 32747

***L-istabbiliment fejn issibu inġenji tal-baħar, fosthom makni, dinghies u Speed-Boats tal-Fibre Glass u anki kull xorta ta' Aċċessorji u Spare Parts.***


# STATISTIKA

### APRIL U MEJJU

#### TWELID

Twieldu 15-il tifel u 9 bniet.

#### ŻWEĠIJIET

| | |
|---|---|
| Muscat Carmel u Axisa Carmela | 4. 4. 65 |
| Aquilina Joseph u Cassar Yvonne | 24. 4. 65 |
| Farrugia Carmel u Mifsud Josephine | 2. 5. 65 |
| Manfre Alex. u Sample M. Dolores | 2. 5. 65 |
| Zammit Carmel u Mercieca Doris | 8. 5. 65 |
| Conti Vincent u Borg M. Concepta | 9. 5. 65 |
| Sciortino Andrew u Schembri Catherine | 23. 5. 65 |
| Felice Maxim u Sciberras M. Dolores | 30. 5. 65 |

#### IMWIET

| | |
|---|---|
| Sultana Maria (81 sena) | 2. 4. 65 |
| Pace Carmel (76 sena) | 2. 4. 65 |
| Cutajar Beck John G., M.D. (66 sena) | 4. 4. 65 |
| Cassar Paul (62 sena) | 6. 4. 65 |
| Peregin Teresa (42 sena) | 7. 4. 65 |
| Mifsud Vittoria (79 sena) | 8. 4. 65 |
| Agius Joseph (56 sena) | 8. 4. 65 |
| Xuereb Julia (72 sena) | 9. 4. 65 |
| Saliba Carla (15-il sena) | 18. 4. 65 |
| Camilleri Joseph (58 sena) | 10. 5 65 |

# R. I. P.



Tifkira għażiża ta' **Dun Amadeo Ebejer** f'għeluq l-għaxar anniversarju mill-mewt tiegħu li ġrat fl-Imsida fil-11 ta' Ġunju, 1955 fl-eta' ta' 40 sena. Qatt minsi mix-xebbiet taċ-Ċirkolu Santa Giovanna D'Arco ta' l-A.K. li tagħhom kien Assistent Ekklesjastiku.

B'tifkira tar-ruħ għażiża ta' **Joseph Farrugia Zerafa,** li miet fl-Imsida, f'għeluq it-tieni anniversarju mill-mewt tiegħu li ġrat fit-3 ta' Lulju 1963 fl-eta' ta' 43 sena. Qatt minsi minn martu, uliedu, u qrabatu. Ħanin Ġesù għatih il-mistrieħ ta' dejjem — R.I.P.

B'tifkira għażiża ta' **Anġlu Pace** mill-Imsida li miet fit-30 ta' Lulju, fl-għomor ta' 59 sena. Qatt minsi minn martu Ġorġa, uliedu Ġorġ, Rosina, Karmena, Nazzarenu, Karmenu u Tereża, bosta neputijiet, qraba u ħbieb. — R.I.P.

B'tifkira għażiża ta' **Salvu Zammit** mill-Imsida li miet fit-18 ta' Lulju 1950 fl-eta' ta' 45 sena. Qatt minsi minn bintu Maria, ħutu neputijiet, qraba u ħbieb. Mulej għatih il-mistrieħ ta' dejjem.



Kien id-29 ta' Lulju 1962 meta **Spiru Vassallo,** membru tal-Museum ħalla dan il-wied tad-dmuħ. Spiru kien bniedem spiritwali. Mhux l-ewwel darba li kien jixtri d-domni b'mod speċjali ta' S. Ġużepp biex iqassamhom lill-baħrin li fosthom kien jaħdem biex jgħinhom fil-ħajja spiritwali tagħhom.

Meta kien ikollu xi ftit ħin liberu narawh bil-kuruna f'idejh jgħid ir-Rużarju.

Spiru kien l-ewwel soċju li miet wara l-fundatur tal-Museum, Dun Ġorġ Preca, għandna naħsbu li Dun Ġorġ ma ħalliehx ibati bil-marda li kellu, iżda talab għalih biex it-tnejn igawdu lil dak li għalih tant ħadmu.

S.D.C.

# GĦALIKOM TFAL

"Ola, ola, ola, u l-lum l-aħħar ta' l-iskola!" — Hekk qed nismagħkom tkantaw f'dawn il-ġranet. U veru, il-vaganzi magħna. Il-vaganzi ġew u ħaqqkom tassew li tistrieħu ftit mill-iskola wara sena sħiħa.

Vaganzi, xalati, għawm; dan hu l-programm tagħkom għas-sajf; u hu tassew programm sabiħ. Imma qisu li minn dan il-programm inħallu ħaġa waħda barra: il-*għażż;* għax l-għażż huwa l-bidu ta' ħafna u ħafna gwaj. Mhux jiġifieri fis-sajf inkomplu nistudjaw u naħdmu bħaxxitwa — dan le: nerġa' ngħid, huwa importanti li nistrieħu! Imma l-importanti hu li ma noqogħdux fil-għażż, imma nilagħbu, naħdmu xi hobby; insomma ma noqogħdux inħarsu! Anki l-mammy d-dar issibilna xi ħaġa x'nagħmlu, u ma nagħmlux ħażin jekk fis-sajf inserrħuha xi ftit — ħafna mill-faċendi tistgħu tagħmluhom intom; u mhux il-girls biss, tafux! Hemm xogħol adattat kemm għall-boys kif ukoll għall-girls. Mhix ħaġa sabiħa li tisma l-ommijiet u l-missirijiet kollha kelma waħda: Li kienet tibda l-iskola ħalli noqogħdu naqra kwieti!

U ħaġa oħra: il-baħar sabiħ qed igħajjtilkom, u naf li intom tħobbuh ħafna; imma oqogħdu attenti ma' min u fejn tmorru tgħumu. Il-lum hawn ħafna min lilkom jobgħodkom u jfittex li jagħmlilkom il-ħsara mingħajr ma tindunaw! Attenti għax għadkom żgħar, u dawk li jagħmlulkom il-ħsara jistgħu jkunu anki tfal bħalkom, tfal li huma mqarrqin u li issa ma jagħmlux ħlief jippruvaw iqarrqu bi tfal oħra.

Noqogħdu b'seba' għajnejn u ma mmorrux ma' kulħadd kif ġie ġie. Jekk hawn min jagħmlilkom id-deni, hawn ħafna oħrajn li jixtiequlkom il-ġid u li jħobbukom verament. Hudu parir u kunu bil-għaqal. Is-sajf ġie biex nistrieħu; mela nifirħu u nieħdu pjaċir, imma noqogħdu attenti biex wara li jgħaddi s-sajf, inkunu tfal aħjar milli konna qabel, għax fis-sajf hemm bżonn li mmorru 'l quddiem u mhux lura.

Il-Bambin iberikkom. DUN ĠUŻEPP.

# L-INGRAVATA

"Karmni, Karmni!" għajjat is-Sur Ġilard, u reġa' beda jqalleb qalb il-ħwejjeġ imdendlin fil-gwardarobba. Is-seftura daħlet tiġri filkamra u, nifisha maqtugħ, staqsietu xi ġralu. "Xi ġrali?" qal kollu mbergħen issinjur, "ser nesplodi; dak li ġrali!" "Santa Barbara, la deni u lanqas ħsara", gedwded Karmni minn taħt illsien.

In-nervi li kellu s-Sur Ġilard kienu kbar, u martu dejjem kienet tgħidlu li dawk in-nervi għad joqtluh. "Karm, taf fejn hi l-ingravata tiegħi?" "Liema ingravata, sinjur?" "U liema ingravata", werżaq is-Sur Ġilard, "jien għandi xi ingravati oħra barra l-blue?" "Ma nagħmlux mod li ħadha brejbes, hux?" qaltlu Karmni b'nofs daħka. Issa n-nervi tas-Sur Ġilard kienu fl-eqqel tagħhom. Kif sema' lil Karmni toħroġ b'dik ilħlieqa, ta daqqa ta' ponn fuq il-gradenza u l-vażun li kien fuqha waqa' u sar melħ.

Il-ħoss tal-vażun wasal sa widnejn is-Sa Żeż, li marret tara x'ġara. "Ġie l-avukat tal-foqra!" gerger is-Sur Ġilard, u b'leħnu maħnuq staqsa lil martu jekk ratx l-ingravata. Martu kollha kalma qaltlu: "Għalli jista' jkun mhix qiegħda marbuta m'għonq il-kelb, hux, Ġilard?"

Is-Sur Ġilard ħareġ jiġri kemm jiflaħ mill-kamra. "Dik kif ġiet ma' għonq il-kelb, sinjura?" qalet Karmni. "Il-bieraħ il-kelb dejqu u biex joqgħod kwiet rabtu mal-pultruna bl-ingravata billi ċinga ma għandux", kompliet is-sinjura. "Bix-xeħħa li għandu lanqas ċinga ma jrid jixtri, u issa ser ikollu joħroġ bl-ingravata ħabel", għalqet Karmni bir-rispett kollu.

IZ-ZIJU EDDIE.

## QUESTION BOX

*N.N. jistaqsi:* Min kien l-ewwel Kumitat għal Valley Road u Conception Street?

*Tweġiba:* L-ewwel nies li iffurmaw l-ewwel kumitat għal dawn it-toroq kienu dawn is-Sinjuri: Paul Saliba, Ġużeppi Psaila, Emanuel Schembri, Ġirolmu Galea, Ġorġ Galea, Ġużeppi Mamo, Karmenu Sciberras, Ġorġ Thompson, Karmenu Buhagiar.

# IL-FESTIVAL TAD-DRAMA GĦAT-TFAL

Din hija l-ewwel darba li l-iskola tal-bniet ta' l-Imsida ħadet sehem fin-National Children's Drama Festival. Dan isir darba fis-sena fejn skejjel, Primarji u Sekondarji, jikkompetu.

Il-play li ippreżentaw ittfal tagħna kienet "The Pretty Lady". Din il-play kitbitha s-sinjora ta' l-iskola u ipproduċietha bil-għajnuna tat-teachers. L-ewwel ġiet ippreżentata fl-Istitut Kattoilku, imbagħad ġiet magħżula għall-Final li sar il-Manoel nhar il-Hadd, 30 ta' Mejju. Filwaqt li l-età tal-maġġuranza tat-tfal li ħabbtuha magħna kienet bejn l-14 u s-16-il sena, it-tfal Misidjani kellhom biss bejn 9 u 12-il sena.

The "Pretty Lady" ħadet it-tielet premju, għalkemm dawk in-nies li kienu preżenti, speċjalment il-Misidjani, ippretendew riżultat isbaħ. Kienet l-unika skola primarja li ġiet magħżula għall-Final u għalhekk dan ifisser li ġiet l-ewwel mill-iskejjel Primarji li ħadu parti.

Bħala premju kull tifla ħadet ktieb, u l-iskola ħadet tazza sabiħa tal-fidda. Haqqhom prosit it-tfal ta' l-Imsida u nawgurawlhom suċċessi aktar għas-snin li ġejjin.

LESA

BATTERY & MAINS TAPE RECORDERS



THE BEST MONEY CAN BUY

*Sole Agents:*

20TH CENTURY SALES & SERVICE

84, ST. JOHN STREET

VALLETTA

Dial 21873

# IL-KELMA TAT-TABIB

## IL-KURA TAS-SAQAJN FIL-MARDA TAD-DIJABETE

Waħda mill-aktar mardiet prevalenti hawn Malta hija l-marda tad-dijabete, jew "iz-zokkor fid-demm". Fil-ħarġa li għaddiet konna tkellimna fuq l-importanza tad-dieta fil-mard u konna semmejna wkoll l-importanza ta' dieta stretta filmarda tad-dijabete.

Aktar importanti f'din il-marda hija l-kura tas-saqajn. Il-lum il-ġurnata naraw li l-marda tad-dijabete qiegħda tiġi ikkontrollata tajjeb ħafna, għaliex saru ħafna studji fuqha. Iżda qegħdin naraw il-komplikazzjonijiet tagħha. Naraw nies li qegħdin imutu b'attakk f'qalbhom, speċjalment nies li għadhom żgħar fl-età; naraw nies pupletiċi kawża ta' din il-marda; naraw nies li għandhom waħda minn saqajhom (u anki minn xi daqqiet it-tnejn) maqtugħin; naraw nies għomja. Fost dawn il-komplikazzjonijiet serji, l-aktar waħda komuni hi dik li tolqot lis-saqajn. U dan birraġun kollu, għaliex is-saqajn huma parti mill-ġisem l-aktar vulnerabbli għallmard, l-aktar parti li l-bniedem juża biex jaqla l-għajxien tiegħu.

Għaldaqstant, il-bniedem għandu jieħu kura tagħhom speċjali, aktar u aktar meta l-individwu jkun marid bizzokkor. Ngħidu fil-qosor kif tiġi "il-ferita taz-zokkor", kif isibuha l-parti l-kbira tan-nies. Ġeneralment din tibda fis-saqajn għarraġuni li semmejna aktar 'il quddiem. Il-marda tad-dijabete tattakka l-ewwel innerrvituri tas-saqajn. Il-pazjent jibda l-ewwel iħoss tnemnim u bħal tingiż ta' labar f'saqajh u jmur għand it-tabib għaliex saqajh dejjem reqdin.

Naturalment meta jasal f'dan l-istat il-pazjent jibda ma jħossx tingiża ta' labra, jew ħabta, ħaġa sħuna jew taħraq ma jħosshiex, u b'hekk issir il-ferita. Din ilferita tibda tikber, u jagħmlilha x'jagħmlilha l-pazjent din il-ferita ma tfieqx. Din il-ferita ħafna drabi tista' tkun l-ewwel indikazzjoni li l-pazjent huwa marid bil-marda tad-dijabete.

### Pariri

1.Ħasil ta' spiss, speċjalment fis-sajf meta s-saqajn, bħal kull parti tal-ġisem, ikunu maħsulin bil-għaraq.

2. Tibdil spiss ta' peduni ,speċjalment fis-sajf meta dawn ikunu mxarrbin bilgħaraq.

3. Użu ta' żraben mhux issikkati mar-riġel speċjalment min-naħa tan-nisa.

4. Qtugħ tad-difrejn. Dan hu suġġett importanti ħafna u fuqu hemm ħafna x'wieħed jgħid. Id-difrejn ma għandhom qatt jiġu maqtugħa preċiż mal-laħam għaliex jekk toqros il-laħam il-qarsa tista' tkun ta' danni kbar.

5. Il-morda biz-zokkor għandhom ta' kuljum ixarrbu saqajhom bl-ilma bilmelħ għal tapposta għal ħmistax-il minuta qabel ma jorqdu.

6. Fl-aħħarnett il-bniedem għandu jagħti mistrieħ suffiċjenti lis-saqajn.

Infakkru u nqimu lill-

VENERABBLI NAZJU FALZON

Ħabib u Benefattur Kbir tal-Parroċċa tagħna

f'egħluq l-EWWEL ĊENTENARJU

nhar mewtu l-1 ta' Lulju.




SAVOY GARAGE

(Props. J. Pace & Sons)
*Private Buses,*
*Cars and Volkswagens*
*for Hire Service*
*at Moderate Prices.*
246-250, D'ARGENS ROAD
GZIRA
and
SLIEMA ROAD, GZIRA
(opposite Marshall Court)
Phone: Sliema 31332
DAY AND NIGHT SERVICE



## FUNZJONIJIET FIL-KNISJA

L-Erbgħa, 14, il-Ħamis, 15 u l-Ġimgħa, 16 ta' Lulju: Tridu Solenni: Fis-6.00 p.m. Għasar, Quddiesa Kantata, priedka minn Patri Stiefnu, Kappuċċin, Kurunella, Innu, Antifona u Benedizzjoni.

Is-Sibt, 17 ta' Lulju: Fis-7. 00 a.m. Quddiesa Kantata, Te Deum, Antifona ta' San Ġużepp. Fis-6.30 p.m. Traslazzjoni Solenni, Primi Vespri, Litanija u Benedizzjoni.

Il-Ħadd, 18 ta' Lulju: Fis-7.00 a.m. Quddiesa bil-fervorin u Tqarbina Ġenerali mill-Wisq Rev. P. Piju C. Rapa, S.Th.L., Pirjol tad-Dumnikani. Fid-9.00 a.m. Kant ta' Terza, Quddiesa Solenni, paniġirku mill-Wisq Rev. P. Gabriel Ciantar, O.P. Fil-5.30 p.m. Sekondi Vespri, purċissjoni, Antifona u Benedizzjoni.

Il-funzjonijiet tas-Sibt u tal-Ħadd ikunu mmexxija mill-Wisq Rev. Mons. M. Spiteri.

Il-mużika tat-Tridu u tal-Festa tkun diretta minn Mro. G. Camilleri.

Il-Ġimgħa u s-Sibt ikollna konfessuri barranin. Nirrikkmandaw li tersqu għat-Tqarbin Imqaddes nhar il-festa.

## FESTI TA' BARRA

Il-Ġimgħa, 16 ta' Lulju: Fit-8.00 p.m. Mixegħla Ġenerali. Il-Banda "Melita" ta' l-Imsida ddoqq Marċi brijużi mat-toroq tal-pajjiż.

Is-Sibt, 17 ta' Lulju: Fit-8.00 p.m. Mixegħla Ġenerali. Il-Banda "Melita" ta' l-Imsida ddoqq programm quddiem il-Knisja.

Fl-10.30 p.m. Logħob tan-nar kbir maħdum mis-Sur Ġorġ Debattista minn Ħal Qormi.

Il-Ħadd 18 ta' Lulju: Fil-5.00 p.m. Tibda l-popolari Ġostra.

Ikun hemm ukoll il-Banda "La Vittoria" tal-Mellieħa li ddoqq programm quddiem il-Knisja.

Il-Banda "St. Joseph" ta' Ħal Għaxaq iddoqq programm f'Misraħ Palma.

Waqt il-purċissjoni, minbarra l-musketterija, jiġu mtellgħin xi rockets u kaxxa infernali tal-kulur.

## PROGRAMM TAL-BANDA "MELITA"

Għall-okkażjoni tal-festa tagħna, il-Banda "Melita" sejra żżanżan sett ta' Marċi.

Il-Ġimgħa l-marċ jibda f'xi t-8.30 p.m. minn quddiem il-Knisja; jgħaddi minn Valley Road, Tower Road, Conception Street, Rue D'Argens, New Street, Mons. Dandria Street, Church Street, Antonio Sciortino Street, Ta' Xbiex Sea Front u jispiċċa quddiem il-Każin tal-Banda "Melita".

### IS-SIBT, 17 TA' LULJU — LEJLET IL-FESTA

Innu tal-Papa

| | |
|---|---|
| Innu Marċ *"San Ġużepp"* | E. Morello |
| Sinfonia *"Unfinished"* | F. Schubert |
| Selection *"Madame Butterfly"* | G. Puccini |
| Pages Symphoniques Op. 9 No. 3 *"Addio Sogno d'Amore"* | A. Gatt |
| Symphonic March *"Palermo"* | J. Marchetti |

Innu tal-Banda "Melita" — Innu Malti.

### SETT TA' MARĊI

Marċ — *"La Fontana"* — Ph. Gatt.
,, — *"Rooty Hill"* — E. Morello.
,, — *"Joyful Day"* — A. Gatt.
,, — *"The Great Siege"* — C. Zammit.
,, — *"Pope Paul VI"* — L. Bongailas.
,, — *"Uhuru"* — A. Gatt.
,, — *"Lil Missieri Ruġġieru"* — J. Mick.
,, — *"Josephine"* — Ph. Gatt.

Il-Banda tkun dejjem taħt it-tmexxija tas-Surmast tagħha Philip Gatt, F.L.C.M., L.R.S.M.


**IL-FAMUŻA DOLĊERIJA FL-IMSIDA**

**BUSY - BEE**

**tirċievi ordnijiet għal**

TIĠIJIET

MAGHMUDIJIET

PARTIES

**Agħżel Refrigerator**

**KELVINATOR**

**MINN ĦAFNA MUDELLI**

**TA' L-1965-66 LI WASLU ISSA**

**FUQ STILI**

**L-AKTAR ATTRAENTI**

**U ELEGANTI**

**6 c.f. £58 BISS**

**Jingħata rigal B'XEJN ma' kull**

**KELVINATOR**

**tul ix-xahar ta' Lulju**

**EDITORJAL**

# IL-FESTA FL-ANTIK

Bi pjaċir il-lum qed niltaqgħu magħkom f'jum il-festa tal-pajjiż—il-festa ta' **San Ġużepp**. L-ewwel ħaġa li tiġi f'rasek fil-festa hija l-parti reliġjuża, jew aħjar "il-festa ta' ġewwa" fejn inqimu b'mod partikulari lill-qaddis permezz tal-funzjonijiet speċjali li jsiru. U hawn jidħlu d-doveri tagħna Misidjani bħala nsara u devoti ta' San Ġużepp.

Imma mbagħad fil-festa jidħlu ħafna elementi oħra. Hemm il-festa ta' barra, bin-nar, baned, kummerċ u rikreazzjonijiet li ġġib magħha. Pajjiżna jilqa' ħafna nies fil-festa, għax huwa sabiħ, huwa ċentru u għax għandu tradizzjoni li s-soltu jagħmel festa sabiħa. Min ma jitgħaxxaqx hija u ħierġa l-vara, minn fuq iz-zuntier tara dak il-baħar ta' nies li jinfirex għal medda twila, kollha għajnejhom fissi fuq il-bieb prinċipali tal-Knisja?!

Imbagħad xi ngħidu għad-dħul tal-vara? Min hu veru Misidjan ma jistax dak il-ħin ma jaqbiżlux id-dmugħ meta jarana lkoll, ulied mal-missier qaqoċċa waħda madwar il-vara! Iva, il-festa hija sabiħa, u hija sabiħa għax hija ħaġa tagħna. Anki min ifittex rikreazzjoni, isibha mad-dawra tal-baħar għaż-żiffa ta' filgħaxija. Insomma fil-festa ta' l-Imsida kollox jiġbdek, kollox iħajrek u kollox jimlik bil-ferħ.

Veru, u dan ma nistgħux ma ngħiduhx, li l-festa fl-aħħar snin marret lura: naqas in-nar, naqas forsi l-entużjasmu; naqset f'kelma waħda l-festa; u għal dan hemm ħafna raġunijiet u ħafna fatturi. Naqas il-ġbir (forsi għax naqsu l-flus?) u l-ispejjeż kibru, u għalhekk kiber ukoll l-iżbilanċ tagħna. Aħna ma nixtiequx li l-festa tkun agħar minn ta' pajjiżi oħra u għalhekk inħeġġu lil kulħadd għall-kooperazzjoni.

Jekk hawn id-dilettanti (u nafu li hawn) joħorġu għad-dawl u jippreżentaw ruħhom. U l-poplu Misidjan hemm bżonn li jħajjarhom u jinkuraġġihom: l-ewwelnett min hu fl-awtorità jibża' għalihom, iħeġġiġhom u ma jgerrixhomx. U n-nies ukoll; meta jiġu wara biebna, jekk nistgħu u kemm nistgħu nagħtuhom; imma anki jekk ma nistgħux, nilqgħuhom tajjeb u bil-kelma t-tajba :niftakru li dawk li jintrigaw ikunu diġàà qed jagħmlu sagrifiċċju kbir. Kelma tajba ma tiswiex flus, imma tagħmel ħafna ġid.

U nħalluna mit-tgergir u mill-kritika qerrieda. Jekk għandna xi ideat għall-aħjar inressquhom lil min hu responsabbli bil-kelma t-tajba u bir-raġunament u niġu milqugħa u mismugħa; imma fejn ma jintrigaw ikunu diġà qed jagħmlu sagrifiċċju kbir. faċli li tgħid u tikkritika, imma kemm huwa diffiċli li tagħmel!

Min verament iħobb il-festa u jħobb l-Imsida, jersaq, imidd idejh u jgħin, u ma nxerrdux velenu qerriedi li, barra li ma jagħmilx ġid, joffendi anki l-karità nisranija u xi drabi l-ġustizzja! Inkunu qaqoċċa waħda u mhux mifrudin! U hawn appell speċjali lil-għaqdiet u lill-każini: nafu li flus ħadd ma għandu ż-żejjed, imma fejn nonfqu għal kollox, nivvotaw fil-kumitat tagħna xi ħaġa tal-flus — u nkunu ġenerużi — anki fil-festa biex ngħinu.

In-nies jiġu jekk niġbduhom u jekk jiġu, aħna ngawdu, fil-ħwienet u l-każini tagħna! Mela kuraġġ, għaqda, u kooperazzjoni biex il-festa tkun kull sena isbaħ minn ta' qabilha: ma ninsewx li fl-aħħar mill-aħħar din hi l-festa tagħna!





*Il-Board Editorjali*
*L-IMSIDA*
*jixtieq l-isbaħ xewqat*
*fl-okkażjoni tal-festa tal-pajjiż*
*lill-kollaboraturi, ħbieb,*
*benefatturi, qarrejja,*
*u lill-Misidjani kollha.*

# SAN GUZEPP

Missier ħanin, il-lum, għomja kif aħna
Mill-fidi u mill-imħabba,
Mexjin fit-triq tal-ħażen, b'rasna mgħaddsa,
Bid-demm tal-għajb imtabba',

Biss bil-għajnuna tiegħek li nitilgħu
Bla nogħtru f'nofs it-tlajja',
Biss bit-twemmin f'imħabbtek, safja w kbira
Li niksbu d-dawl tal-ħajja.

Inti ħabbejtna. Int lid-dinja tajtha,
Ix-xempju tar-rġulija,
Int tiġbor fik il-ġmiel ta' l-akbar safa
Fir-rabta ma' Marija.

Alla għaraf fik il-kobor ta' kull ħniena
U s-sebħ ta' kull virtù,
U f'idejk fdalek l-egħżeż għaxqa Tiegħu,
'L ibnu l-maħbub — Ġesù.

Donni qed nara madwar grotta fqira
F'lejla ta' dlam xitwija,
Fost daqq u ilħna sbieħ, ma tafx mnejn ġejja,
Traxxax mis-sema d-dija.

U d-dlam igħib. Dik il-grotta ta' faqar
Timtela bl-isbaħ għana.
U nara, bil-frat magħhom, lir-ragħajja
Deħlin siekta w ferħana.

F'maxtura fuq ftit tiben jilmħu t-tfajjel,
Sultan f'kull art u żmien,
Kbir fi ċkunitu, għani f'dak il-faqar,
Il-bidu tal-ħelsien.

U ħdejh Marija, xebba w omm bla tebgħa,
Tbennu u bil-bews timlieh;
Ma' ġenbha San Ġużepp b'ħarsa li turi
Il-ferħ li jħoss ġo fih.

Minn dak l-għar fqajjar xterdet Kelma kbira
Li żergħet sliem fil-qlub:
Għaddew iż-żminijiet u baqgħet ħajja
U tibqa', għax hekk miktub.

Għax dik il-kelma hi l-Imħabba u l-ħajja,
Ta' Alla mal-bnedmin;
Hi li tgħaqqadna f'għaqda waħda u sħiħa
U żżommna marbutin.

Imma bix-xewk mimlija t-triq tal-ħajja,
Bid-dlam u d-dmugħ u d-demm.
Missier ħanin, l-għajta ta' wliedek isma':
"Eħlisna minn dan l-hemm!"

Biss bil-għajnuna tiegħek li nitilgħu
Bla nogħtru f'nofs it-tlajja',
Biss bit-twemmin f'imħabbtek safja u kbira,
Li niksbu d-dawl tal-ħajja.

ĠUŻE' CHETCUTI.

# IL-FESTA U AĦNA

## INTERVISTA MAD-DILETTANTI

**Miġbura minn LINO BARTOLO**

Fil-ġranet tal-festa, ħafna jħarsu lejn iż-żminijiet imgħoddija u joqogħdu jsemmu x'kien isir fl-antik. Għalhekk jien sibt lid-dilettanti li f'xi żmien jew ieħor kienu jaħdmu u jirsistu għall-festa u għamiltilhom din l-intervista.

Biex inkun naf kif kienu jinġabru l-flus, sibt lis-Sur Vincent Farrugia u staqsejtu:

**Kif kien jirnexxielkom tlaħħqu mal-ġbir kollu tal-festa?**

Il-flus huma l-aqwa ħaġa, u aħna konna dejjem nibnu l-pjan tagħna fuq kemm konna naħsbu li ser niġbru flus. Malli konna nitolbu lill-Kappillan biex nieħdu l-festa f'idejna, mill-ewwel konna nibdew niġbru l-flus meħtieġa. Konna nissagrifikaw il-Ħdud kollha biex niġbru mit-toroq bieb bieb. Kellna wkoll is-soċjetà tan-nar, u kulħadd kien joffri xi ħaġa fil-ġimgħa għan-nar ta' l-art u ta 'l-ajru.

Lis-Sur Schembri għamiltlu din il-mistoqsija:

**Id-disinji li kontu tagħmlu, kienu jkunu oriġinali?**

Iva, aħna dejjem ivvintajna d-disinji aħna. Kienu jridu tant xogħol, li donnok ma tispiċċa qatt. L-ewwel kont inpinġi d-disinn fl-art id-daqs naturali, imbagħad kont ngħawweġ il-wire u norbtu bl-ispag li kont noftoq mill-biċċiet ta' l-ixkejjer biex ma nonfqux. Id-disinn kien ikun fih xi 13-il biċċa. Imbagħad sħabi kienu jimlewh bil-karti kuluriti, u fil-festa, meta konna ndendluhom, kienu jgħaxxqu lil kulħadd.

Bniedem li ħadem ħafna fix-xogħol tad-drapp, is-Sur J. Sciberras, wieġeb għal din il-mistoqsija:

**Kemm-il biċċa drapp taħseb li ħdimt għall-festa?**

Ix-xogħol tiegħi fil-Kumitat tal-festa kien ikun ġeneralment id-drapp. Aħna konna naħsbu għall-quddiem, u għalhekk, kull sena, konna nagħmlu xi drapp ġdid. Jiena ħitt madwar 56 bandalora u 8 pavaljuni għal Valley Road u Conception Street. Dawn kienu jridu ħafna xogħol, speċjalment dawk li saru fl-1963; u għalhekk is-sena kienet tkun dejjem mimlija ħidma u attivitajiet.

Għal xi tagħrif dwar l-istatwi ta' Valley Road, staqsejt lis-Sur C. Sciberras:

**Min ħadem l-istatwi artistiċi ta' Valley Road?**

L-istatwi ġew maħduma mill-magħruf statwarju Alessandru Mallia, minn Ħal Qormi, u dak iż-żmien kienu jiswew £4 il-waħda. Il-pedistalli nħadmu minna d-dilettanti. L-ewwel saret Malta, imbagħad l-Anġli ta' taħt il-kuruna, u mbagħad il-bqija. Meta tlestew, il-pjazzetta ta' Conception Street inħasset vojta wisq, u għalhekk, bit-tħabrik tiegħi, fl-1936, għamilna statwa tal-Patroċinju ta' San Ġużepp il-ġmiel tagħha, u din tlestiet sewwa sew ġimgħa qabel il-festa. Konna ssellifnilha bradella minn Ħal Qormi, niftakar, biex inpoġġuha fuqha u filgħaxija ħriġniha fost il-briju ta' kulħadd. F'din l-okkażjoni kellna wkoll il-banda u l-istatwa ġiet imfaħħra minn kulħadd.

Dwar id-daqq ferrieħi tal-marci, għamilt din il-mistoqsija lill-President tas-Soċjetà Melita, is-Sur J. M. Cassar Naudi:

**X'parti jkollha l-Banda Melita fil-festa esterna?**

Il-Każin tagħna dejjem kellu parti attiva fil-festa ta' San Ġużepp. Kien jibda mill-Ġimgħa bil-marċi mat-toroq kollha tal-pajjiż u issa, minn ftit 'il hawn, qegħdin indoqqu s-Sibt ukoll billi l-Banda tagħmel programm. Sentejn ilu l-Banda żanżnet Innu lil San Ġużepp; dan tkanta mill-Kor tal-Ħamrun fuq versi ta' Dun Frans Camilleri u mużika tas-Surmast Misidjan Emmanuele Morelo.

Kif qegħdin taraw, fl-Imsida nsibu materjal tajjeb li bih nistgħu naħdmu għall-ġid tal-festa tagħna. Nisperaw li ma ndumux ma nerġgħu naraw lil ħafna minn dawn id-dilettanti, flimkien ma' oħrajn ġodda, jerġgħu jingħaqdu u jaħdmu, u permezz tal-kooperazzjoni ta' kulħadd, nerġgħu naraw il-festa tagħna bħalma kienet fl-antik.

# L-IMSIDA FL-IMGĦODDI

Minn LINO BARTOLO



*(Ikompli mill-aħħar ħarġa)*

L-opra li beda l-Kappillan Dun Innoċenz Zammit ma kellux jaraha lesta, għaliex fis-17 ta' April il-qniepen tal-knejjes kollha fil-Parroċċa tagħna filgħodu kmieni ħabbru l-mewt tiegħu li ġrat fl-Isptar San Luqa. L-aħbar ġriet bħal leħħa ta' berqa, swied il-qalb kbir inxtered ma' l-Imsida kollha, u l-imħabba tal-Misidjani dehret waqt il-funeral li sarlu, fejn kull settur tal-poplu kien irrappreżentat. Wara l-funeral fil-Parroċċa tagħna, il-fdal tiegħu ġie midfun fiċ-ċimiteru ta' l-Imqabba.

Ftit qabel ma miet Dun Innoċenz Zammit, laħaq Kappillan Dun Anton Pace, li dak iż-żmien kien Kappillan ta' Ħal Għargħur. Dun Anton Pace kompla x-xogħol mibdi minn Mons. Zammit, jiġifieri l-pittura li l-lum narawha kważi kompleta. Ma' din saru opri oħra ġodda, bħat-tabernakolu, il huwa tal-fidda, deheb u ħaġar prezzjuż, l-iskultura tal-gwarniċi tal-korsija, li saret mingħajr ħlas mis-Sur Salvatore Azzopardi fil-ħin liberu tiegħu, il-bankijiet, u xi rinnovamenti oħra.

Imma l-aqwa opri fi żmien dan il-Kappillan huwa bla dubju ta' xejn l-artal maġġur li ġie mogħti minn benefattriċi. L-irħamijiet ta' dan l-artal huma minn sitt postijiet tad-dinja, jiġifieri mill-Pakistan, mill-Belġju, Messiku, Franza, l-Italja. Mogħni bi skultura sabiħa, fuq stil modern, imdawwar b'erba' figuri ta' l-Evanġelisti mnaqqxin fl-irħam abjad ikompli juri l-ħila tad-disinjatur tiegħu Chev. E. V. Cremona. Ma' l-artal maġġur saru wkoll il-paviment u żewġ mensoli, waħda kull naħa ta' l-artal.

Sal-lum il-Kappillan Dun Anton Pace għadu jamministra fil-Parroċċa tagħna, u aħna lkoll kburin b'dan: nisperaw li jkompli jaħdem fil-futur biex inkomplu nżejnu t-tempju sabiħ tagħna. Għalkemm f'dawn l-artikoli semmejt tista' htgħid il-ħidmiet tal-Kappillani li mexxew il-Parroċċa tagħna pero' ma nistax inħalli barra l-ħidma tal-ħafna dilettanti li minn sena għall-oħra, sa ftit snin ilu, kienu lkoll jaħdmu u jħabirku biex jgħinu f'kull xogħol materjali li kien isir fil-knisja. Dawn ukoll jistħoqqilhom tifħir u billi impossibbli li nsemmihom wieħed wieħed, nixtieq nurihom li l-poplu Misidjan huwa grat lejhom għax-xogħol li għamlu sew fil-knisja kif ukoll għall-festa ta' barra.

Issa biex nimxu 'l quddiem jeħtieg li ninsew l-imgħoddi u nħarsu lejn il-futur b'determinazzjoni sinċiera, nerġgħu ningħaqdu flimkien, kulħadd id f'id, għaliex fil-għaqda hemm il-qawwa: nirsistu, naħdmu, inħabirku biex ilkoll inkunu denji li nissejħu wlied dik l-Omm li tatna isimha, jiġifieri Beltna l-Imsida.

Billi wasalna fit-tmiem ta' dawn l-artikoli, f'ħarġa oħra sejrin nibdew sensiela ta' artikoli interessanti fuq postijiet ta' interess li jinsabu ġewwa l-Imsida biex b'hekk kull Misidjan ikun aktar infurmat fit-tul fuq dawn il-postijiet.

*Tmiem tas-sensiela*

Dunlopillo



*The most heavenly mattress on earth*

Dealer:

JOE M. GALEA

114 D'Argens Road, Msida. Tel: S.1937

## KORRISPONDENZA

Sur Editur,

Qabel xejn nixtieq nirringrazzjak talli, għoġbok tippubblikali dawn il-kelmtejn.

Nixtieq niftaħ qalbi billi nuri xi swied il-qalb jaq badna meta fil-festa ta' San Ġużepp nara f'liema miżerja waqajna. Fejn qabel l-Imsida kienet tkun mimlija b'nies minn barra l-pajjiż biex jaraw l-attivitajiet tal-festa: il-ġostra, il-logħob tan-nar, eċċ.; il-lum bilkemm ikun hawn nies millviċin.

U aħna stess qegħdin nàraw in-nuqqas tal-festa. Dan ġej minħabba li ma hawnx iffurmat kumitat. Għaliex ma nagħmlux kumitat tal-Festa u jiftiehem mal-Prokuratur?

Imbagħad dan il-kumitat jibda jorganizza fieri, shows fuq il-baħar (bħalma ġieli sar b'risq il-Youth Centre) u l-kumplament. B'hekk jinġabru l-flus biex tkun tista' ssir festa suret in-nies.

Imma hawnhekk tmiss il - kooperazzjoni tagħna. Jeħtieg li nagħtu l-flus lil dawk li jiġu jiġbru u mhux nagħlqup l-bibien f'wiċċhom.

Fl-aħħarnett nispiċċa billi nifraħ lill-kumitat tal-gazzetta "L-Imsida" u fl-istess ħin ninkuraġġixxi lill-Misidjani kollha biex jagħtu każ ta' dan.

MISIDJAN.

### IL-KUMITAT ĊIVIKU U L-PARTITI POLITIĊI

Msida, 17. 5. 65.

Sur Editur,

Hadt gost ħafna meta fil-Parroċċa tagħna twaqqaf "Kumitat Ċiviku" bħal parroċċi oħra. Imma dan huwa iffurmat minn membri tal-Għaqdiet biss u m'hemmx membri tal-Partiti Politiċi wkoll.

Ma tkunx ħaġa tajba kieku l-Partiti Politiċi jkollhom membru rappreżentant, li pero' jkun bħala osservatur biss?

Grazzi.

PAUL SPITERI.

## IL-KUMITAT ĊIVIKU

**Mill-ħarġa ta' Settembru - Ottubru ser jibda jkollna relazzjoni kull darba dwar il-ħidma ta' dan il-Kumitat.**

**Dan biex kull Misidjan ikun infurmat sewwa x'inhu jsir għall-ġid ta' pajjiżna.**

**L-Editur.**

**PROFIL LETTERARJU — Nru. 2.**

# KAV. ĠUŻE' DIMECH DEBONO O.S.G.

Minn OVIDJU

**Il-profil letterarju f'din il-ħarġa speċjali tal-gazzetta tagħna, mess li jkun dak tal-Kavalier Ġuże Dimech De-Bono, kittieb prolifiku, miżżewweġ hawn l-Imsida. Il-Kavalier Ġuże' Dimech DeBono twieled f'Birkirkara nhar l-20 ta' Ottubru, 1906. Studja fl-iskejjel tal-Gvern, oħrajn Privati u wara fis-Central School ta' Malta.**

Huwa beda l-karriera letterarja tiegħu fl-istampa lokali meta kellu biss ħdax-il sena. Fl-1925 kiteb l-ewwel ktieb tiegħu li bħal xi oħrajn minn tiegħu stess ġie stampat u ippubblikat kemm-il darba. Huwa kiteb innijiet bil-Malti u bit-Taljan li ġew mużikati, kantati u mdaqqin minn baned, u fl-1929 kiteb għall-ewwel darba fl-istampa ta' l-Ingilterra u mbagħad ta' l-Iskozja, Sqallija, Italja, Franza, Eġittu, Amerika, Kanada u Awstralja. Fis-sena 1939 beda jagħmel taħditiet u jieħu sehem b'kitba fi programmi differenti, speċjalment letterarji, minn fuq ir-Rediffusion. Xi drabi ħadet sehem miegħu wkoll martu Carmela nee Sapiano minn Beltna l-Imsida. Fl-1944 u fl-1947 kellu sodisfazzjon kbir meta xogħlijiet tiegħu xxandru minn fuq il-B.B.C. u fl-1963 aktar xogħlijiet nħadmu fuq il-palk.

Għal dawn il-merti kollha u billi hu kien ukoll fundatur u ko-fundatur ta' għaqdiet kulturali u patrijottiċi, membru antik ta' oħrajn filantropiċi, promutur ta' monument imwaqqaf f'ġieh Eroj Nazzjonali, u billi hu wkoll kien il-bidu tad-devozzjoni f'artna lejn San Servolo, il-qaddis patrun kontra l-mard tal-Paraliżi, l-Ordni Amerikan ta' San Ġwann ħatru Kavalier, "Knight of Grace" f'Mejju tas-sena l-oħra.



Saħansitra meta huwa kien jinsab marid, hu kiteb ħafna tagħrif fuq l-istoriċi, reċensjonijiet, appelli, bijografiji, essays, novelli, features u drammi mogħnija b'sentmenti reliġjużi u patrijottiċi. B'dan l-istess għan ħa sehem f'akkademja letterarja u polemika xjentifika ma' l-aqwa nies ta' Malta u ta' barra, tant li mill-istampa Vatikana ġie magħdud b'"noto scrittore", mill-istampa Ingliża b'"good historian" u mill-istampa Taljana b'"famoso scrittore cattolico". Biżżejjed ingħidu li bil-kitba tiegħu fl-"Evening World" ta' Newcastle irnexxielu jġib kumpannija Ingliża "J. J. Murry & Co." fejn bla xejn spejjeż lill-Gvern tagħna għamlet film dokumentarju ta' sagħtejn bl-isem: "Malta, the Island of Sunshine and Health".

F'kull kitba tiegħu fuq belt twelidu, il-Kavalier Ġuże' Dimech DeBono qatt ma naqas isemmi fil-wisa' lil dik l-ex-parti ta' Birkirkara li l-lum hi l-Imsida tagħna.

Fl-"Antoloġija Elenjana", li hu niseġ minn kitba ta' xi mitejn kittieb, hu ma ħalliex barra kittieba Misidjani. Ta' nies kbar Misidjani hu kiteb diversi bijografiji. U lill-Imsida hu ta post prominenti f'bijografiji ta' Maltin magħrufa oħra, fosthom il-Venerabbli Nazju Falzon li tiegħu f'din is-sena jaħbat l-ewwel ċentinarju ta' mewtu.

Hekk ukoll ma għandniex ninsew li l-ewwel radjo dramm tiegħu kien il-wieħed imxandar kemm-il darba dwar San Ġużepp.

U ta' dan il-Misidjani kollha jroddulu ħajr u jixtiequlu suċċessi dejjem akbar fil-karriera letterarju tiegħu b'ġieh artu, li hi artna, u b'risq Beltna xejn inqas milli b'risq Beltu.

**MSIDA SONG CONTEST**

Il-Membri tal-Msida Song Contest Board jixtiequ javżaw illi l-applikazzjonijiet għas-Song Contest ta' din is-sena ħarġu.

Dawk it-tfal bejn il-5 u 15 il-sena li jixtiequ jieħdu sehem jistgħu jġibu formola tal-applikazzjoni mis-sezzjoni taż-Ż.Ħ.N. c/o No. 6 Parish Street, jew min għand Emmanuel Farrugia 16, Sawmill Street, Msida.

L-applikazzjonijiet jagħalqu fit-8 ta' Awissu.





Have you tried

the new WEMBLEY's

GRAN - GEL - ITA

6d.

INVICTA WORKS
MANUFACTURERS OF
MODERN TUBULAR FURNITURE
INVICTA for your household and office needs
*Be Proud* — Have Modern Furniture
*Be Wise* — Have INVICTA FURNITURE
FLATS - HOSPITALS - SCHOOLS
are modern only when
INVICTA FURNITURE IS USED
FREE!! Literatures and Brochures on request.
*Factories and Head Office:*
Quarries Square, MSIDA 26651
*Showrooms:*
The Strand, SLIEMA 33827
Pietà Wharf, PIETA'.
Visits Solicited Without Obligations
Buy the Best! Buy INVICTA FURNITURE
THE FURNITURE OF A LIFETIME

# SPORTS

Minn CHARLIE CASHA

3rd Div. K.O. Final

# ST. JOSEPH FINALISTI MEGĦLUBA

B'rebħa ta' 1—0 fuq il-Balzan Youths nhar il-Hadd 5 ta' Ġunju, fis-Semi Final, is-St. Joseph ikkwalifikaw biex fil-11 ta' Ġunju jiltaqgħu mas-St. Patrick's ta' Ħaż-Żabbar fil-Final tat-3rd Div. K.O. Competition li fl-istess ġurnata kienu rebħu lis-Senglea 1—0 fis-Semi Final l-oħra.

Mill-għada stess il-Kumitat ħatar lill-ex-player ta' Malta u Sliema Wanderers Sammy Nicholls biex jittrenja lit-team Misidjan, fejn il-players ikkooperaw bis-sħiħ. Għall-final it-team tagħna lagħab b'din il-formazzjoni:

L. Mizzi; F. Briffa, T. Betts; A. Cutajar, L. Betts, A. Ellul; G. Betts, J. Demarco, T. Agius, H. Mifsud, T. Mifsud.

Fl-idea tiegħi, is-St. Joseph għamlu żball fatali, żball li mingħajru stajna' ġibna t-tazza f'pajjiżna, li mill-bidu ta' l-ewwel half lagħbu logħba difensiva; u kien dan il-fattur li tellifna l-logħba.

Kien hemm ċerti mumenti fil-logħba li t-team tagħna beda jattakka bi player wieħed biss. L-insides kienu rritardjati u xi ftit slow u l-wings qatt ma laħqu mallogħba. Agius biss beda jħabbat id-difiża Żabbarija u darba minnhom b'daqqa ta' ras tiegħu kien ser iġib score, filwaqt li d-difiża tagħna kienet fl-aqwa tagħha b'Lewis Betts, Cutajar u Ellul jibbrillaw fuq kulħadd.

Fit-tieni half il-kumitat ħa l-inizjativa f'idejh u l-bidla bejn l-insides u l-wings ħolqot dividendi tajba. It-team beda jattakka aktar u kien perikoluż ukoll b'ċans li setgħu saru żewġ scores, li ma ħaqritniex ix-xorti. Imma għall-kuntrarju fit-23 minuta tat-tieni half loose ball iddendel tajjeb u Abela, l-aktar player opportunista tas-St. Patrick's, b'first-timer skorja l-isbaħ goal li deher fix-Schreiber dan l-istaġun.

Għal din il-logħba s-supporters taw is-sehem tagħhom kollu: uċuh ġodda telgħu jissapportjaw lill-players tagħna b'kukkardi ħomor u bojod, ċuqlajti, hornijiet u kull mezz ieħor li bih setgħu jagħmlu l-briju. Ir-referee kien is-Sur Lolly Desira.

Wara l-logħba l-Kumitat ħa lill-players għal ikla fil-lukanda tal-Qawra.


SER TIŻBOGĦ? EJJA GĦAND

**CARSONS PAINT CENTRE**

MSIDA




Fejn issib makna unika li tagħtik f'inqas minn minuta kull wieħed 'l fuq minn kull 1,000 kulur li inti tagħżel. Issib din iż-żebgħa: ...PLASTIC EMULSION - ENAMEL GLOSS EGGSHELL u UNDERCOATING, tal-Marka **ULTRALUX** kull ħin li trid, minn pinta sa gallun fil-kuluri kollha. ŻEBGĦA Ingliża u garantita mill-Good Housekeeping Institute.

**CARSONS PAINTS CENTRE**
**44, Ta' Xbiex Sea Front**
**Msida**
**Tel. 33479**


# LI SPORTS F'PAJJIŻNA

## Registrations

Nhar it-Tnejn, 21 ta' Ġunju, 1965, l-M.F.A. ħarġet ir-registrations ġodda għall-istaġun 1965-66. Il-biċċa l-kbira tal-players tas-St. Joseph kollha irreġistraw, fosthom il-players tat-3rd Division, imma Eġidio Sammut u Joe Galea iddeċidew li jibdlu l-club tagħhom; il-goalkeeper Sammut, li tilef postu fit-team tat-3rd Division Misidjana f'nofs l-istaġun l-ieħor, ta l-firma tiegħu lill-club ta' l-ewwel Diviżjoni, ir-Rabat; filwaqt li l-fullback tal-Minors Galea, li kien lagħab xi logħbiet mat-3rd team fl-istaġun 1963-64, ser jipprova xortih mal-Hamrun Spartans.

Biex ipattu għal dan in-nuqqas, is-Saints irreġistraw xi players ġodda wkoll, fosthom lill-fullback Alfred Galea ex-Balzan Youths, u lill-forwards Louis Marmara ex-Floriana, Anton Naudi ex-Melita, u lil Charles Basin ex-Valletta Rovers.

## Seduta Ġenerali

Nhar il-Hadd, 11 ta' Lulju, sejra ssir Seduta Ġenerali Annwali tas-St. Joseph Football Club fil-Każin stess. Fl-aġenda nsibu: diskors tal-President, ħatra tal-Kumitat ġdid; rapport Amministrativ u arranġamenti fl-Istatut. Il-Kumitat jixtieq li l-membri kollha jattendu.

## Unuri għal Msida Wolves

Fil-lista ta' unuri tal-M.A.F.A. għall-istaġun 1964-65 insibu li t-team ta' Msida Wolves għamel sehmu sewwa: Runner-up fil-league tas-second division, għall-Bulletin Challenge Cup, Rebaħ il-Good Conduct Certificate, il-goalkeeper regulari tagħhom, Lino Mizzi, rebaħ xejn inqas mill-Footballer of the Year tal-M.A.F.A.; player ieħor Alfred Cutajar, ġie d-disa' f'din il-Kompetizzjoni. Aħna, il-Board Editorjali tal-gazzetta "L-Imsida", nifirħu lill-players u lill-Kumitat ta' Msida Wolves għal dawn is-suċċessi.

## Waterpolo

Għal dan l-istaġun tal-Waterpolo, it-Ta' Xbiex Lido ser ikun il-Home Pitch ta' l-Atalanta Waterpolo Club; it-team ta' l-Atalanta qiegħed fit-Tieni Diviżjoni tal-A.S.A.

## Malta Boat Show

Il-ħames Malta Boat Show saret għat-tieni darba ġewwa pajjiżna, fl-ex-Torpedo Depot. L-ewwel Malta Boat Show saret ukoll ġewwa l-Imsida fl-1961 f'Pace Showrooms, Testaferrata Street. 15-il ditta Maltin ħadu sehem fix-show.

## Yachts

Nhar is-Sibt, 26 ta' Ġunju, saret tellieqa internazzjonali tal-Yachts minn Siracusa għal Yacht Marina, Ta' Xbiex. Il-Yacht "Sylla" ġie l-ewwel fit-tellieqa ta' 90 mil.


**SHELL FILLING STATION**
(Prop. J. Pace & Sons)
**MENQA SQUARE - MSIDA**
Telephone: Sliema 2745



# IL-FTUĦ TAL-KAŻIN

**Minn Charles Casha**

Il-ġurnata tal-Ħamis, 27 ta' Mejju, 1965, żgur li tibqa' miftakra minn dawk li għandhom għal qalbhom it-team tal-football tas-St. Joseph, għax din kienet il-ġurnata li l-Kumitat, players, membri u supporters tas-St. Joseph jistgħu jgħidu li għandhom il-Każin tagħhom. Ħaġa li ilha ma tkun għal ħafna snin fl-Imsida.

Il-kumitat ħadem bis-sħiħ għal din il-ġurnata għax, minn ħafna qabel id-data iffissata, kulħadd beda jaħdem u jirranġa fil-każin mill-aħjar li jista'. Iċ-ċelebrazzjoni tal-ftuħ saret mis-Sur Eugenio Bonello, President tal-Malta Football Association. Is-Sur u s-Sinjura Bonello ġew milqugħin mis-Sinjurina Susan Friggieri fejn ippreżentatilhom bukkett fjuri ħomor u bojod, il-kuluri tal-club Misidjan.

Wara l-qtugħ taż-żigarella, il-Kappillan ta' l-Imsida, il-W.R. Anton Pace, B.D., bierek il-każin il-ġdid; wara t-tberik sar diskors mis-Sur Joseph Friggieri, President tas-St. Joseph Football Club. Fid-diskors tiegħu, il-President semma l-istorja fil-qosor tal-Club, meta t-team ta' l-Imsida kien bl-isem ta' St. Joseph fis-sena 1909, imbagħad meta fis-sena 1912 sar bl-isem ta' Msida Rangers, meta aktar 'il quddiem is-Sur Mifsud irnexxielu jgħaqqad it-team famuż ta' Msida Wolves; l-unuri li kien kiseb dan it-team, fejn irnexxielu jibqa' jissemma fost it-teams kbar f'Malta, bħalma huma l-Floriana Ajax u Birkirkara Celtics; semma wkoll il-ġurnata diżastruża meta t-team ta' l-Imsida ma kienx ser jieħu sehem aktar fl-ewwel diviżjoni tal-M.F.A. għax postna ċedejnieh lill-Hamrun Spartans.

Il-President semma d-data meta huwa ġie maħtur President tas-St. Joseph Football Club fis-sena 1963-64, li mill-ewwel laqgħa li kellu mal-kumitat tiegħu kien esprima x-xewqa biex il-kumitat jaħdem bis-sħiħ biex jakkwista post bħala każin għat-team u t-team jitla' f'diviżjoni aħjar, u li issa, wara biss sentejn bir-riedni f'idejh irnexxielu jsib post addattat u t-team diġà tela' f'diviżjoni ogħla minn dik li kien fiha dak in-nhar. Il-President spiċċa biex qal li huwa u l-kumitat tiegħu jibqgħu jaħdmu bis-sħiħ għal dik il-ġurnata li t-team tas-St. Joseph jilgħab fl-Ewwel Diviżjoni — post li jixraqlu tassew!



*Falzon's Studio* *B'kara*

Wara s-Sur Friggieri, tkellem is-Sur Eugenio Bonello, fejn beda d-diskors tiegħu billi qal li qed jieħu pjaċir ħafna fost il-Membri u s-Supporters ta' team li dejjem sab tifħir waqt is-seduti tal-M.F.A., u spiċċa billi ħeġġeġ lil dawk preżenti biex ikomplu jqajmu l-logħba tant maħbuba.

Wara l-President tal-M.F.A. tkellem il-Kappillan fejn qal li qed ikellem lill-mistednin bħala ex-footballer imma mhux bħala ex-sportsman. Hu spiċċa d-diskors tiegħu billi qal li bħalma jeħtiġilna nitħabtu ħafna biex nirbħu l-logħba, hekk ukoll jeħtiġilna niġġieldu biex nirbħu ruħna.

Wara d-diskors tal-Kappillan, sar Cocktail Party, fejn il-mistednin ħadu pjaċir ħafna.

Mistednin għal din l-okkażjoni kien hemm il-membri u n-nisa tagħhom, rappreżentanti tal-kaiżni Misidjani, rappreżentanti tal-M.F.A. u tat-Third Division Standing Committee, is-Sur Scicluna u s-Sinjura tiegħu rappreżentanti għax-Schreiber Sports Ground.

Għand tax-

**SCHAUB LORENZ**

*issibu t-23, 25, 27 u 45 inch Television*

*bi prezzijiet sensazzjonali*

**NORTHERN T.V. and RADIO SERVICE**

**TESTAFERRATA STREET**

**MSIDA**

Tel. No. 33531

**E. MAISTRE**

**of**

**162, BRITANNIA STREET,**

**VALLETTA**

**Tel. 24888**

**for**

***STATIONERY — PRINTING***

***RUBBER STAMPS — TOYS***

# VARJETA'



## SEAN CONNERY

"Sean Connery", magħruf aħjar bħala James Bond jew 007, twieled f'Edinburgh, Skozja, fil-25 ta' Awissu, 1930, minn omm Skoċċiża u missier Irlandiż. Sa 14-il sena kienu għadu jmur l-iskola ta' Edinburgh, imma dak iż-żmien qatt ma kien joħlom li għad ikun wieħed mill-aqwa artisti ta' li screen, għax f'dik l-età l-aktar li kellu għal qalbu kien il-football, u minn dejjem kien jixtieq li jsir xi footballer famuż, u l-aktar team favorit tiegħu kien il-Manchester United. Imma din l-idea spiċċat bħalma spiċċaw il-pożizzjonijiet l-oħra li kellu. Qabel ma beda jidher fuq li screen bħala Secret Agent 007, Sean kien jaħdem fir-Royal Navy, ma' wieħed tat-twiebet, sewwieq tal-karrozzi u fi stamperija.

Fl-aħħar fl-età ta' 24 sena beda l-karriera tiegħu ta' attur. Minn Edinburgh telaq għall-Ingilterra fejn ħadem f'mużikali *The Sailor.* Hawn ingħoġob ħafna u offrewlu li jaħdem ġo film jismu *No road back*, u Sean aċċetta bil-qalb kollha. Wara dan il-film telaq lejn Hollywood. Dak iż-żmien (1961) il-producers Harry Saltzman u Albert R. Broccoli kienu ser jibdew jagħtu lill-picturegoers xi ħaġa ġdida, kienu qed jaħsbu biex jipproduċu għal fuq li screen ir-rumanzi ta' l-awtur Ian Fleming li ħoloq il-karattru ta' "James Bond" Secret Agent 007. Il-film *Dr. No*, li kien l-ewwel wieħed ta' din ix-xorta, ġie fdat f'idejn l-attur Sean Connery li għaraf jinterpreta dan il-karattru b'suċċess.

Wara dan inħadem il-film l-ieħor *From Russia with love*, li bl-istess kapaċità Sean irnexxielu jagħmlu 'Box Office' ieħor. Wara dan il-film, il-United Artists ħarġet il-film spettakolu; *Goldfinger* li l-kumpanija stess stqarret li dan il-film ser idaħħal lill-Kumpanija s-somma ta' għaxar miljuni lira sterlini (biex ħadmet dan il-film il-kumpanija nefqet £1,000,000. Sean Connery jieħu perċentaġġ minn din is-somma. F'dan il-film Sean kellu lissimpatika attriċi Honor Blackman. Issa wara li dan il-film ħareġ għall-wiri, il-United Artists bdiet taħdem ieħor f'din is-sensiela, u bla dubju ta' xejn Sean Connery ser ikun l-artist prinċipali ta' dan il-film ma' l-artisti Luciana Paoluzzi, Claudine Auger u Martin Beswick. Dan il-film ser jiswa lill-kumpanija s-somma ta' £2,000,000.

Barra mill-films ta' James Bond, Sean ħadem films oħra li aħna diġà rajnihom hawn Malta; l-ewwel wieħed kien *Women of straw* ma' l-artista Taljana Gina Lollobrigida, u l-film l-ieħor tal-famuż producer Alfred Hitchcock, li huwa msemmi ħafna għall-films tal-biża', jismu *Marnie* ma' l-artista Tippi Hedren. Film ieħor li Sean qed jaħdem u ma jdumx ma jkun lest jismu *The hill.*

Sean Connery miżżewweġ lill-artista Awstraljana Diane Cilento u għandhom żewġt itfal. Twil sitt piedi u tliet pulzieri u jiżen 13 stones; id-delizzju tiegħu huwa s-sewqan tal-karrozzu meta jkollu xi ftit żmien, imur ma' martu u wliedu f'postijiet imbegħdin biex waħdu jkun jista' jsuq kemm tiflaħ timxi l-karrozza, postijiet li martu stess taddattalu minn żmien qabel. Bosta gazzetti qalu li f'film ieħor sejra tidher martu Diane miegħu.

Minn 009.

★

### BETTE DAVIS TIBDA TAHDEM IS-77 FILM TAGHHA

Bħal issa Bette Davis qed taħdem il-film ġdid tagħha *The Nanny*, li huwa film ieħor tal-biża'. Fil-5 ta' April, Bette għalqet 57 sena.


**FALZON'S PHOTO STUDIO**

**CAMERAS, FILMS**

**& PHOTO GOODS DEALER**

**Passports, Portraits, Weddings, Parties and other social activities by appointment.**

**88, MANNARINO ROAD, BIRKIRKARA**

or apply at

**3, NEW STREET, MSIDA**



COLOR COLOR COLOR

Natural Colour in True Life Colour

Developing and Printing

of

**KODAK**

**COLOUR FILMS**

FIRST CLASS SERVICE

5 DAY SERVICE 5



**ARTCOLOR STUDIOS**

**KINGSWAY PALACE**

**55, KINGWAY**

**VALLETTA**